MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH R. MICALLEF

Seduta tas-7 ta' Lulju, 2011

Citazzjoni Numru. 1003/1997/1

Paul **AZZOPARDI** u martu Margaret Azzopardi

vs

Charles **GRECH** u Brian Galea

**Il-Qorti:**

Rat l-Att taċ-Ċitazzjoni mressaq fis-6 ta' Mejju, 1997, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, l-atturi talbu li din il-Qorti (i) ssib li l-imħarrkin waħedhom jaħtu għall-ħsarat ikkawżati lill-kajjik tagħhom reġistrat PTF 426 fit-22 ta' Settembru, 1996, meta ippruvaw jieħdu taħt idejhom l-istess opra tal-baħar li huma qalu li kienu sabu mgħarrqa fil-Mejjiesa, limiti tal-Mellieħa; (ii) tillikwida, jekk meħtieġ billi taħtar perit għal dan il-għan, id-danni mġarrbin

minnhom minħabba l-għamil tal-imħarrkin; u (iii) tikkundanna lill-imħarrkin iħallsuhom id-danni hekk likwidati. Talbu wkoll l-ispejjeż u l-imgħax legali;

Rat in-Nota tal-Eċċezzjonijiet imressqa mill-imħarrkin fl-4 ta' Mejju, 1998, li biha laqgħu għall-azzjoni attriċi billi ċaħdu li huma qatt kellhom il-ħsieb li jappproprijaw il-kajjik, iżda l-ħsieb tagħhom kien li jagħmlu salvataġġ bla ħabi u bl-għajnuna tal-Pulizija u awtoritajiet oħrajn. Ta' din il-ħidma kien jistħoqqilhom kumpens u kemm hu hekk kienu diġa' fetħu kawża għal dan il-għan kontra l-atturi, u għalhekk kien xieraq li din il-kawża timxi flimkien mal-kawża miftuħa minnhom. Minbarra dan, huma ċaħdu li kkawżaw xi danni jew ħsara lill-kajjik, u għalhekk it-talbiet attriċi ma jistħoqqilhomx jintlaqgħu;

Rat id-degriet tagħha (diversament presjeduta) tat-30 ta' Ġunju, 1998[1], li bih ordnat li din il-kawża tinstema' flimkien mal-kawża fl-ismijiet "*Charles Grech et vs Paul Azzopardi*" (Ċitazz. Nru. 238/97);

Rat id-degriet tagħha (diversament presjeduta) tal-4 ta' Novembru, 1998[2], li bih ħatret lill-Avukat Greta Aġius bħala Assistent Ġudizzjarju;

Rat ir-Rapport imressaq mill-imsemmija Assistent Ġudizzjarju fl-14 ta' Lulju, 1999[3], li bih tat tagħrif lill-Qorti dwar it-talbiet magħmlin lilha mill-istess Qorti;

Rat id-degriet tagħha tal-14 ta' Marzu, 2003[4], li bih ħatret lill-Avukat Maria Dolores Gauċi bħala Assistenta Ġudizzjarja, biex tiġbor il-provi tal-partijiet;

Rat ix-xhieda mressqa mill-partijiet quddiem l-Assistent Ġudizzjarju;

Rat id-degriet tagħha tal-4 ta' April, 2005[5] li bih ħatret lil Joseph Amato bħala perit tekniku;

[1] Paġ. 19 tal-proċess
[2] Paġġ. 20 – 1 tal-proċess
[3] Paġġ. 31 – 4 tal-proċess
[4] Paġġ. 49 – 50 tal-proċess
[5] Paġ. 139 tal-proċess

Rat li l-msemmi Perit kien ressaq Rapport fit-28 ta' Settembru, 2005, iżda b'degriet tagħha tal-5 ta' Diċembru, 2006[6], fuq talba magħmula mill-atturi b'rikors tagħhom tal-5 ta' Ġunju, 2006, ordnat li l-imsemmi rapport jitneħħa mill-atti tal-kawża għaliex kellu nuqqasijiet mhux sanabbli;

Rat id-degriet tagħha tal-5 ta' Diċembru, 2006, li bih ħatret lill-Inġinier Paul Cardona bħala perit sostitut, liema ħatra nbidlet b'degriet ieħor tal-24 ta' Frar, 2009[7], li bih ħatret lil Inġinier Anthony Dalli bħala perit tekniku sostitut ghal dan;

Rat ir-Rapport imressaq mill-imsemmi perit tekniku sostitut fit-30 ta' Ġunju, 2009, minnu maħluf waqt is-smigħ tat-23 ta' Lulju, 2009[8];

Semgħet it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawża, u kif ukoll dawk tal-kawża fl-ismijiet "*Charles Grech et vs  Paul Azzopardi*" (Ċitazz. Nru. 238/97JRM) li kienet qiegħda tinstema' ma' din;

Rat id-degriet tagħha li bihom ħalliet il-kawża għas-sentenza;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija azzjoni għad-danni.  L-atturi, bħala sidien tal-kajjikk reġistrat PTF 426, iridu li l-imħarrkin jitqiesu responsabbli għall-ħsarat imġarrba mill-imsemmi kajjikk meta, f'Settembru tal-1996, kien għereq u l-imħarrkin ikkawżawlu ħsarat huma u jtellgħuh minn qiegħ il-baħar. L-atturi jgħidu li din il-ħsara seħħet hekk kif l-imħarrkin ippruvaw jagħmluh tagħhom u joħduh għalihom bla ma jgħarrfu lill-atturi.  Qegħdin jitolbu d-danni;

---

[6] Paġ. 175 tal-proċess
[7] Paġ,. 185 tal-proċess
[8] Paġġ. 168 sa 184 tal-atti tal-kawża 238/97JRM

Illi għal din l-azzjoni, l-imħarrkin laqgħu billi ċaħdu li kellhom xi ħsieb li jieħdu l-kajjikk għalihom, u kien f'moħħhom biss li jagħmlu salvataġġ bl-għajnuna tal-Pulizija u awtoritajiet oħra bla ħabi u għal dan jistħoqqilhom kumpens. Huma jgħidu li, fil-fatt kienu diġa' fetħu kawża kontra l-attur[9] għal dan il-għan u talbu li ż-żewġ kawżi jitmexxew flimkien. Żiedu jgħidu li huma ma kkawżaw l-ebda danni lill-atturi;

Illi b'degriet tat-30 ta' Ġunju, 1998, intlaqgħet l-ewwel parti tal-ewwel eċċezzjoni biex iż-żewġ kawżi jinstemgħu flimkien;

Illi l-<u>fatti li joħorġu mill-atti tal-kawża</u> juru li l-atturi huma s-sidien tal-kajjikk tal-għamla *Perla 16* li kien iġib l-isem ta' "*Gay Ray*", li kien reġistrat mal-awtoritajiet kompetenti Maltin bħala PTF (MFC) 426. L-opra kienet inbniet f'Malta fl-1990, hija magħmula mill-*glassfibre* u kienet ilha f'idejn l-attur sa mill-1991. Il-kajjikk kien mgħammar b'kabina fuq quddiem u kellu makna tal-għamla *BMC 1.5* f'nofsha fil-qafas tagħha. Minbarra dan, kellha wkoll makna awżiljarja fis-sura ta' *out-board motor* tal-għamla *Suzuki DT 50* ta' saħħa ta' *50 h.p.*[10];

Illi l-attur kien jinqeda bil-kajjikk biex joħroġ jistad u għad-divertiment tal-familja tiegħu, għalkemm ix-xogħol ewlieni tiegħu kien li jgħallem is-sewqan tal-karozzi. Il-kajjikk kien jitniżżel il-baħar fis-sajf u jitħalla rmiġġat fil-bajja tal-Ġnejna, limiti tal-Imġarr, Malta;

Illi f'xi żmien bejn il-15 u t-22 ta' Settembru, 1996, il-kajjik inħall miċ-ċima tal-irmiġġ. L-attur għamel rapport fl-Għassa tal-Pulizija tal-Mosta dwar in-nuqqas tal-kajjikk fit-22 ta' Settembru, meta niżel il-Ġnejna biex joħroġ ibaħħar u ma sabx il-kajjikk tiegħu marbut mal-irmiġġ tas-soltu[11]. Sar rapport ukoll lill-awtoritajiet portwali biex ifittxu l-opra tal-baħar. L-għada filgħaxija, l-attur irċieva telefonata anonima li għarrfitu fejn kien il-kajjikk tiegħu u x'kien għaddej biex jittella' f'wiċċ l-ilma[12];

[9] Ċit. Nru. 238/97JRM li s-sentenza tagħha ngħatat illum
[10] Dok "A", f'paġ. 6 tal-proċess
[11] Xhieda tiegħu 16.12.2003 f'paġġ. 65 tal-proċess
[12] *Ibid* f'paġ. 67 tal-proċess

Illi, sadattant, Grezzju Vella, li jiġi missier l-għarusa tal-imħarrek Galea kien sar jaf li kien hemm id-dgħajsa f'qiegħ il-baħar fl-inħawi tal-Mejjiesa, fil-limiti tal-Mellieħa u għarraf biha lill-istess imħarrek, li kien wera interess li jmur jara fejn kienet mgħarrqa[13]. Xi jiem wara, Vella u l-imħarrek Galea kienu għoddsu ħdejn id-dgħajsa mgħarrqa bil-ħsieb li jaraw kif setgħu jtellgħuha f'wiċċ il-baħar. Id-dgħajsa kienet maqbuda bejn xi blat u tistrieħ magħhom: kellha tiċrita fil-ġenb tagħha;

Illi l-imħarrkin reġgħu niżlu jarawha flimkien dak il-ħin u qatgħuha li jippruvaw itellgħuha. Huma rabtu "landa tal-gallun" magħha biex ikunu jafu fejn hi u biex ma tagħtix fil-għajn, sakemm isibu l-għajnuna biex itellgħu l-kajjikk fil-wiċċ u jiġbduh band'oħra. Matul il-lejl, l-imħarrek Grech mar qagħad għassa qrib il-post fejn kien mgharraq il-kajjik, wara li kien tela' l-Għassa tar-Rabat u kellem lis-Surġent – Francis Camilleri – u staqsih jekk il-kajjikk li sab setax iżommu hu[14]. Huwa jgħid li s-surġent tkellem mal-ispettur fl-Għassa li serraħlu moħħu li ladarba l-opra kienet inġarret mill-kurrent u għerqet, min isibha jsir sidha;

Illi l-għada, l-imħarrkin reġgħu ippruvaw itellgħu d-dghajsa minn qiegħ il-baħar. Biex għamlu hekk, talbu l-għajnuna ta' ħabib tagħhom, wieħed Charles Azzopardi, li mar magħhom fuq il-post b'*cabin cruiser* ta' qawwa biex itellgħu l-kajjikk mill-qiegħ. Magħhom ħadu bughaddas, wieħed Raymond Galea, li ġab miegħu tagħmir li jtella' l-opri tal-baħar f'wiċċ l-ilma ("*lifting bags*"). Wara xi taħbit, seħħilhom itellgħu l-kajjikk fil-wiċċ u rmonkawh lejn il-bajja ta' Għajn Tuffieħa;

Illi malli waslu f'dik il-bajja, ġibdu l-kajjikk kemm setgħu 'l ġewwa lejn ix-xtajta, iżda l-kajjikk f'waqt minnhom inkalja ġor-ramel. Għalkemm l-imħarrkin kienu ħadu ħsieb iġibu tagħmir biex jiġbed il-kajikk lejn l-art u jgħabbuh fuq *trailer*, twaqqfu milli jkomplu jagħmlu dan mill-Pulizija li, sadattant, kienu niżlu sal-bajja fil-kumpannija tal-atturi. L-imħarrkin twaqqfu mill-Pulizija milli jkomplu jtellgħu l-

[13] Xhieda tiegħu 23.6.2003, f'paġġ. 56 – 7 tal-proċess
[14] Xhieda tiegħu 6.6.2000, f'paġġ. 30 – 1 tal-proċess

kajjikk sal-art minħabba li dak il-ħin kien ħin li jinżlu jgħumu n-nies u wkoll minħabba li nqalgħet kwestjoni bejn l-attur u l-imħarrkin li xlihom li ma messhomx messew il-kajjikk u li ma ridhomx joħduh taħt idejhom għax dak kien ħwejġu. Meta raw dan, il-Pulizija li kien hemm mal-attur marru miegħu l-Għassa tal-Mosta u l-attur ingħata l-parir li l-kajjik kien tiegħu u seta' jieħdu hu. L-Pulizija għarrfu lill-imħarrkin ukoll f'dan is-sens;

Illi dak il-ħin, l-imħarrkin talbu l-kumpens, u l-attur qalilhom li ried jara l-affarijiet tiegħu;

Illi, sadattant, meta l-kajjikk ittella' l-art aktar tard dak inhar wara nofsinhar, deher li kien ġarrab aktar ħsarat. L-attur ġabru u ħadu d-dar u l-partijiet baqgħu ma waslux fi qbil dwar il-kumpens mitlub mill-imħarrkin;

Illi f'Marzu tal-1997[15], l-attur ġab *surveyor* biex jistma l-ħsara li kien fih il-kajjikk. Dan l-istħarriġ sar qudiem id-dar tal-istess attur, fejn kien tqiegħed il-kajjikk għal xi żmien u wara ttieħed f'għalqa fi Ġnien il-Kbir, fil-Buskett, limiti ta' Ħad-Dingli;

Illi l-kawża nfetħet f'Mejju tal-1997;

Illi b'<u>konsiderazzjoni tal-aspetti legali marbuta mal-każ</u> wieħed irid iqis li l-azzjoni attriċi hija waħda ta' danni, mibnija fuq il-ħtija akwiljana. L-atturi jixlu speċifikatament lill-imħarrkin b'imġiba mwettqa bi ħsieb li ġġibilhom ħsara. Fil-każ partikolari, jixlu lill-imħarrkin bl-intenzjoni tal-approprijazzjoni tal-kajjikk bil-ħsieb li jostru l-għamil mill-istess atturi u jistagħnew bi ħsara għalihom;

Illi l-imħarrkin jiċħdu din ix-xilja u jisħqu li l-ħsieb tagħhom kien biss li jsalvaw l-opra tal-baħar u jitħallsu l-kumpens tat-tħabrik tagħhom. Fuq kollox, jiċħdu li huma b'xi mod ġabu ħsara lill-kajjikk b'dak li għamlu;

---

[15] Dok "A", f'paġġ. 5 – 7 tal-atti tal-kawża 1003/97JRM

Illi jidher li l-azzjoni attriċi tinbena fuq dak li jipprovdi l-artikolu 1031 tal-Kodiċi Ċivili marbut ma' d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 1038 tal-istess Kodiċi;

Illi huwa prinċipju ewlieni f'azzjoni ta' danni li min jallega li ġarrab ħsara bi ħtija jew l-għamil ta' ħaddieħor irid jipprova r-rabta bejn il-ħsara mġarrba u dik il-ħtija jew dak l-għamil. Għalkemm il-liġi tagħna ma tfissirx x'inhi l-"ħtija", madankollu tgħid li jkun jitqies fi ħtija min f'għemilu jonqos li juża l-prudenza, l-għaqal u l-ħsieb ta' missier tajjeb tal-familja[16]. Fil-każ li l-Qorti għandha quddiemha, l-atturi jixlu lill-imħarrkin b'rieda iżjed minn sempliċi traskuraġni, iżda bil-ħsieb jew l-intenzjoni tal-ħażen li kellu jissarraf fit-teħid tal-kajjikk tagħhom;

Illi għalkemm l-imħarrkin jiċħdu li huma qatt għaddhielhom il-ħsieb li jżommu l-kajjikk f'idejhom, il-Qorti ma temminx din iċ-ċaħda. F'dan ir-rigward, biżżejjed wieħed jaqra x-xhieda mogħtija mill-imħarrek Grech[17] (u li, mbaghad, l-imħarrek l-ieħor Galea ikkonferma bla l-iċken rettifika[18]) biex jintebah li wara li sar jaf bid-dgħajsa mgħarrqa, l-ewwel ħsieb tiegħu kien li jagħmilha tiegħu. Saħansitra jgħid li mar l-Għassa tar-Rabat u staqsa lill-Pulizija jekk setax iżomm dak li sab u serraħ moħħu b'li qal li qallu l-Ispettur tal-Għassa. Baqa' jemmen, flimkien mal-imħarrek Galea, li l-battikata li kienu se' jieħdu biex itellgħu l-opra tal-baħar sal-wiċċ kienet ser tissarraf fil-premju li dak li sabu "għaliex ġarru l-kurrent" kien ser isir tagħhom b'jedd. Dan il-ħsieb baqa' f'moħħhom sakemm, mal-wasla tagħhom fir-ramla ta' Għajn Tuffieħa, sabu lill-attur jisħaq li dak il-kajjikk kien ħwejġu u li ma kienx fi ħsiebu jitilqu minn taħt idejh;

Illi dak il-ħsieb, imsejjes fuq il-"parir" mogħti, wassal lill-imħarrkin jittraskuraw ukoll il-fatt li l-kajjikk kellu miktub mal-ġenb tiegħu l-isem mogħti u wkoll in-numru tar-reġistrazzjoni. Iżda huwa sewwasew minħabba dik il-fehma tagħhom li l-Qorti tara wkoll raġuni għaliex dak li għamlu żgur ma kienx maħsub li jikkawża ħsara u dannu

---

16 Art. 1032(1) tal-Kap 16
17 Xhieda tiegħu 6.6.2000, f'paġġ. 30 – 3 tal-atti tal-kawża 238/97JRM
18 Xhieda tiegħu 13.7.2001, f'paġ. 40 tal-atti tal-kawża 238/97JRM

aktar minn dak li kienet diġa’ wettqet in-natura wara l-għarqa tal-kajjikk. Il-Qorti tqis li l-fatt li l-imħarrkin kienu emmnu li d-dgħajsa misjuba minnhom kienet ser tkun tagħhom b’jedd kienet motiv u raġuni biex dak li jagħmlu biex itellgħuha f’wiċċ il-baħar u joħduha lejn l-art kien maħsub li jikkawża l-anqas ħsara u li jiġborha fl-aħjar kundizzjoni possibbli biex ’il quddiem ikunu jistgħu jibqgħu jgawduha. Ma jagħmel l-ebda sens li bniedem jieħu riskju għal ħajtu u saħħtu u taħbita li ma bħalha biex itella’ opra tal-baħar minn qiegħ il-baħar biex imbagħad b’kapriċċ jagħmlilha ħsara u b’hekk jitlef il-qaleb u l-ġbejna u jkun ħadem għal-lasta;

Illi l-għaref difensur tal-atturi issottometta li l-imħarrkin naqsu mill-obbligu tal-missier tajjeb tal-familja meta intrigaw biex itellgħu l-kajjikk mill-qiegħ bla ma qabel staqsew lil sidu jekk kemm-il darba kellhomx jindaħlu fi ħwejġu, u wkoll billi meta qatgħuha li jagħmlu dak li għamlu ma kellhomx il-ħila għall-biċċa li daħlu għaliha u ikkawżaw il-ħsara fil-kajjikk. Għal dawn l-argumenti, l-għaref difensur tal-imħarrkin laqa’ billi qal li ma kien minnu xejn li huma naqsu milli jużaw il-kura ta’ missier tajjeb tal-familja għaliex meta raw kemm kienet ħaġa iebsa li jtellgħu waħedhom il-kajjikk minn fejn sabuh, talbu l-għajnuna ta’ nies ta’ ħila u li kellhom it-tagħmir meħtieġ u qabbduhom kif meħtieġ. L-atturi ma merewx dan il-fatt u, għall-kuntrarju, jirriżulta li l-attur ħallas lill-bugħaddas ta’ xogħolu[19] u għall-anqas jidher li wiegħed ukoll kumpens lil min irmonka l-kajjikk;

Illi ma’ dan il-Qorti żżid tqis ukoll li, ladarba l-għamil tal-imħarrkin kien wieħed ta’ salvataġġ, jgħoddu r-regoli tal-kważi-kuntratt, b’mod partikolari fejn jirrigwarda l-għaqal mistenni minn min ikun indaħal fil-biċċa[20] u l-obbligi tal-persuna li fl-interess tagħha jkun sar dak l-indħil[21];

Illi l-Qorti tqis li hemm ċirkostanza oħra partikolari li mhux ta’ min iwarrab minn quddiemu f’dan il-każ. Din tirrigwarda l-ħsarat li ġarrab il-kajjikk sakemm ittella’ l-art.

[19] Xhieda ta’ Raymond Galea 22.10.2004, f’paġ. 117 tal-proċess
[20] Artt. 1015 u 1017 tal-Kap 16
[21] Art. 1018 tal-Kap 16

Mill-provi miġjuba miż-żewġ partijiet, ħareġ li fil-jiem meta nstab il-kajjikk mgħarraq sa ma ttella' l-art, il-baħar kien qawwi ħafna u b'imbatt aktar minn moderat. L-inħawi fejn instab u fejn ittieħed huma magħrufa għall-kurrenti qawwija li jaħkmu. Il-kajjikk għereq f'inħawi fejn il-qiegħ ma huwiex ramel biss imma blat, u jidher li nqabad (jew tkaxkar) f'dak il-blat. Meta nstab, kemm l-għaddas u kemm il-persuna li silfet il-*cabin cruiser* sabu li l-kajjikk diġa' kien juri xi ħsarat fil-qafas tiegħu. Naturalment, il-fatt li kien mgħarraq seta' jagħti 'l wieħed x'jifhem li l-makni tiegħu wkoll ma kinux qegħdin f'kundizzjoni mill-aqwa. Dan kollu seħħ qabel ma l-imħarrkin missew il-kajjikk. Jekk kien hemm ħsara diġa' f'dan l-istadju, ma jistgħux jeħlu biha l-imħarrkin u l-atturi ma kienu qegħdin jieħdu l-ebda benefiċċju minn din il-qagħda ta' ġidhom billi jitħalla f'qiegħ il-baħar bla ma jintmess, għaliex l-elementi kienu qegħdin jagħmlu tagħhom u jikkawżaw ħsara xorta waħda;

Illi ntwera li l-operazzjoni nnifisha biex il-kajjikk jittella' minn qiegħ il-baħar u jittieħed lejn l-art kienet waħda skabruża u ħadet il-ħin għaliex saret taħt kundizzjonijiet ta' baħar imqalleb u b'attenzjoni l-ħin kollu għal saħħet dawk li kienu qegħdin jieħdu sehem u għall-istess kajjikk mirfud. Għalkemm ma huwiex ċar ħafna miż-żewġ verżjonijiet ta' tnejn mix-xhieda barranin tal-imħarrkin, jidher li l-kajjikk intrifed bl-*inflatable buoys* fil-post fejn kien mgħarraq (il-verżjoni ta' Charles Azzopardi, sid il-*cabin cruiser* donnha timplika li l-irfid sar b'tankijiet li ipprovda hu u mbagħad l-*inflatable buoys* intużaw l-għada meta l-kajjikk intrifed fil-bajja ta' Għajn Tuffieħa wara li kien inkalja fir-ramel) u kien minn hemm li nġibed mill-*cabin cruiser* lejn Għajn Tuffieħa. F'kull każ, mix-xhieda mressqa u li wieħed jista' joqgħod fuqha (l-atturi f'dan ir-rigward ma tantx setgħu ressqu provi għaliex mill-operazzjoni kollha laħqu biss l-aħħar parti), ħareġ li hu u jinġibed lejn Għajn Tuffieħa, l-kajjikk tal-atturi ma reġa' laqat qatt qiegħ il-baħar tul il-vjaġġ, sakemm imbagħad inkalja fir-ramel tal-bajja[22];

[22] Xhieda ta' Raymond Galea 22.10.2004, f'paġ. 113 tal-proċess

Illi meta l-kajjikk twassal sa Għajn Tuffieħa, dejjem f'baħar imqalleb, inqalgħet ċirkostanza oħra partikolari li l-Qorti tqis li hija rilevanti ħafna għall-kwestjoni tal-ħtija għall-ħsarat imġarrba. Il-kajjikk twassal fil-bajja ta' Għajn Tuffieħa għall-ħabta tal-għaxra ta' filgħodu jew ftit qabel. Dak il-ħin, kien niżel l-attur flimkien ma' uffiċjal tal-Pulizija u hemmhekk inqalet il-kwestjoni bejn l-attur u l-imħarrek Grech dwar min kellu jedd għall-kajjikk. Minħabba f'hekk, il-kajjikk tħalla inkaljat fir-ramel bil-mewġ iħabbat miegħu. Minbarra dan, u sakemm il-Pulizija ħallew il-kobba tal-kwestjoni ta' min kellu jedd għall-kajjikk, l-istess Pulizija żammew milli jitkompla x-xogħol biex il-kajjikk jittella' l-art dak il-ħin għaliex kien il-ħin li n-nies jinżlu jgħumu u dik l-operazzjoni tqieset ta' periklu għall-għawwiema. Kemm hu hekk, wara li l-Pulizija qatgħetha li l-kajjikk kellu jieħdu l-attur, ordnat lill-istess attur biex il-kajjikk itellgħu l-art wara nofsinhar u lill-bugħaddas Galea qalulu biex imur filgħaxija ħalli jieħu lura l-*inflatable buoys* li kienu għadhom marbutin mal-kajjikk;

Illi fil-fehma ta' din il-Qorti din iċ-ċirkostanza li għadha kemm issemmiet tfisser li minn dak il-ħin 'il quddiem, il-kajjikk kien fir-responsabbilta' tal-attur li, b'kull jedd, irrivendika ħwejġu, u mhux aktar taħt il-kontroll tal-imħarrkin. Fit-tieni lok, l-ordni mogħtija mill-Pulizija biex il-kajjikk ma jittellax sakemm ikun għad hemm nies jgħumu fil-bajja, esponiet lill-kajjikk għal aktar ħsara mill-baħar qawwi sakemm tħalla inkaljat, u rabtet idejn kemm l-attur u aktar u aktar lill-imħarrkin li ma jkomplu jagħmlu xejn aktar bla ma jkunu qegħdin jisfidaw ordni li ngħatalhom minn awtorita' kompetenti. Dawn iż-żewġ ċirkostanzi, fil-fehma tal-Qorti, ifissru li kull rabta bejn għamil l-imħarrkin u l-ħsara li ġarrab il-kajjikk minn dak il-ħin 'il quddiem inqatgħet, u għal dak li ġara b'seħħ minn hemm ma jistgħux iwieġbu għalih l-istess imħarrkin;

Illi f'qagħda bħal din jgħodd aktar dak li jistabilixxi l-artikolu 1029 tal-Kodiċi Ċivili, b'mod partikolari f'każijiet ta' forza maġġuri;

Illi bla ma l-Qorti tieqaf biex tqis jekk kienx tassew għaqli li, f'qilla ta' baħar bħal ta' dak inhar, il-Pulizija messhiex

waqqfet lin-nies milli tinżel tgħum b'periklu għall-istess għawwiema minħabba l-baħar qawwi minflok żammet l-operazzjoni tat-tlugħ fuq l-art tal-kajjikk, jibqa' l-fatt li fid-disa' sigħat bejn wieħed u ieħor li l-kajjikk dam jaqla' ġo fih il-qilla tal-ħalel, ġarrab ħsarat kbar u saħansitra tkaxkar mal-ħamsin metru mnejn kien inkalja meta twassal irmunkat. F'dan ir-rigward hija elokwenti x-xhieda ta' Raymond Galea meta qal li x'ħin filgħaxija reġa' mar biex jirtira l-*inflatable buoys* tiegħu, l-opra tal-baħar "*inqalbet imbagħad u tgerbet fuq ir-ramel. Ma baqgħetx wiċċha 'l fuq. ... Naf li kienet totalment differenti, mkissra*" [23]. Dan kollu seħħ, kif ġa' ngħad, meta l-kajjikk ma kienx baqa' aktar taħt il-kontroll tal-imħarrkin;

Illi meta l-kajjikk ittella' l-art mill-attur u ttieħed għandu, tħalla barra quddiem id-dar tiegħu. Sa ħmistax-il (15) jum wara, meta eżaminah is-*surveyor*, kien ħareġ ċar li l-ħsara mġarrba mill-kajjikk kienet bejn sebat elef euro (€ 7,000) u tmint elef euro (€ 8,000)[24]. Meta l-kajjikk rah il-perit imqabbad mill-Qorti f'Ġunju tal-2009[25], kien f'qagħda tal-biki, mitluq f'għalqa u tqies bħala "*constructive total loss*" ta' valur ta' madwar mitejn euro (€ 200). Dwar it-telf ta' valur matul iż-żmien li l-kajjikk inżamm f'idejn l-atturi, din il-kawża ma jinteressahiex. Iżda huwa interessanti li jidher li hemm qbil bejn l-espert *ex parte* u dak imqabbad mill-Qorti dwar x'kienet il-kawża tal-ħsarat li kellu l-kajjikk. Is-*surveyor* Daniel Grima kien tal-fehma li "*The cause of the damage is a combination of sinking and subsequent slamming against the sand and rocks repeatedly. The cause of the sinking was not established but on examining the sea water suction valve found that this was efficient and the possibility of water entering the boat accidentally through this connection is excluded. The inboard shaft stern tube was also examined and found no reason for water entering the boat through leakage of the stern gland*"[26]. Min-naħa tiegħu, l-espert maħtur mill-Qorti kien tal-fehma li "*Gwidat mill-ħsara li sibt, il-ħsara fil-qoxra kien*

[23] *Ibid* f'paġ. 117 tal-proċess
[24] Paġ. 7 tal-proċess
[25] Ara paġġ. 169 sa 184 tal-atti tal-kawża 238/97JRM
[26] Paġ. 7 tal-proċess

*sostenibbli minn daqqiet kostanti tal-qoxra mal-blat u ramel*"[27];

Illi l-Qorti ma tistax torbot lill-imħarrkin b'mod esklussiv mal-kawżi identifikati minn dawn iż-żewġ esperti, u żgur ma tistax tqis li tressqu provi tajbin biżżejjed minn min kellu l-piż li jagħmel dan li jwassalha biex tkun konvinta li tipponta subagħha lejn dak li għamlu l-imħarrkin jew xi wieħed minnhom bħala l-kawża waħdanija għall-ħsarat li ġarrab il-kajjikk tal-atturi, kif tippretendi l-ewwel talba attriċi;

Illi f'dawn iċ-ċirkostanzi, l-Qorti m'hijiex f'qagħda li tilqa' l-ewwel talba attriċi;

Illi ladarba waslet għal din il-fehma, lanqas hu meħtieġ li tgħaddi biex tqis iż-żewġ talbiet attriċi l-oħrajn, minħabba li dawn jintrabtu mal-ewwel waħda;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:

**Tiċħad it-talbiet attriċi** għaliex ma ntweriex li l-imħarrkin jaħtu għall-ħsarat imġarrba mill-kajjikk PTF426 proprjeta' tal-atturi, iżda dik il-ħsara ġrat minħabba ċirkostanzi li l-istess imħarrkin ma kellhom l-ebda kontroll fuqhom, u għalhekk lanqas ma hemm raġuni għalfejn l-imħarrkin iħallsu xi kumpens lill-atturi;

**Tilqa' l-eċċezzjonijiet** tal-imħarrkin għaliex huma mistħoqqa fil-fatt u fid-dritt; u

**Tordna** li l-atturi jħallsu l-**ispejjeż tal-kawża**.

**< Sentenza Finali >**

[27] Paġ. 171 tal-atti tal-kawża 238/97JRM

---------------------------------TMIEM---------------------------------